32003D0523

22.7.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 183/35

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI tas-6 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi l-Uffiċċju għall-infrastruttura u loġistika fi Brussell

(2003/523/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 20 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kummissjoni ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), hawnhekk iżjed 'il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju", jipprovdi qafas għall-istabbiliment ta' tip ġdid ta' uffiċċju amministrattiv.

(2) Il-linji gwida tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 1999 għal politika ta' esterjorizzazzjoni ([3]) u l-*White Paper* dwar riforma amministrattiva ([4]) għamlu deskrizzjoni ta' politika ta' l-esternalizzazzjoni ġdida bbażata fuq il-viżjoni ta' amministrazzjoni ffokata mill-ġdid fuq il-kompiti u attivitajiet fundamentali tagħha.

(3) Ir-riżultati ta' l-analiżi mmexxija mil-Grupp ta' l-Ippjanar u l-Kordinazzjoni dwar l-Esternalizzazzjoni, wara li kkunsidra s-sitwazzjoni fil-Kummissjoni u fuq livell inter-istituzzjonali f'numru ta' oqsma, jenfasizzaw il-vantaġġi ewlenin li l-ħolqien ta' uffiċċji għall-Kummissjoni setgħu jġibu u l-oqsma fejn attenzjoni speċjali hi meħtieġa, bħal, per eżempju, il-ħtieġa li jkun assigurat li x-xogħolijiet fis-siti varji jkunu konsistenti u li jiġi definit id-daqs minimu kritiku ta' kull uffiċċju.

(4) It-tip ta' uffiċċju li ntagħżel jikkonsisti f'entitajiet amministrattivi immirati lejn il-proviżjoni ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni u/jew potenzalment ta' istituzzjonijiet oħra tal-Komunità.

(5) L-analiżi mwettqa b'mod aktar speċifiku fil-qasam ta' l-infrastruttura u l-loġistika tistipula l-vantaġġi li struttura waħda tiġi inkarigata bl-esekuzzjoni ta' deċiżjonijiet li jinvolvu appoġġ amministrattiv. Dik l-istruttura hi partikolarment xierqa għall-użu tar-riżorsi effiċjenti u ekonomiku filwaqt li ttejjeb il-viżibilità tas-servizzi pprovduti, waqt li tiffoka mill-ġdid ir-responsabbilitajiet operazzjonali u tkun aġġornata mal-ħtiġijiet u d-domanda ta' l-utenti.

(6) Dan it-tip ta' uffiċċju jirrappreżenta mezz xieraq biex isseħħ il-bidla mixtieqa għal livell inter-istituzzjonali f'dan il-qasam, għal liema xi istuzzjonijiet Komunitarji oħra diġà wrew interess.

(7) Bħala uffiċċju amministrattiv għall-Kummissjoni, hu essenzali li l-Uffiċċju jibqa' assoċjat b'mod ċar ma' Direttorat Ġenerali skond il-linji gwida adottati mill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2002 ([5]). Skond dan, għandu jiġi assoċjat mad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni.

(8) Il-kompiti u l-ħidma ta' l-Uffiċċju jeħtieġu li jiġu mfissra.

(9) Skond il-linji gwida tal-Kummissjoni, Kumitat ta' Ġestjoni għandu jiġi stabbilit li r-rwol ewlieni tiegħu, taħt l-awtorità tal-Kulleġġ tal-Kummissjoni, għandu jkun li jissorvelja l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju, jiddefinixxi t-termini ta' referenza tiegħu u jassigura li huma implimentati b'mod xieraq. Hu għalhekk meħtieġ li tiġi determinata l-komposizzjoni preċiża tal-Kumitat ta' Ġestjoni, skond il-linji gwida, kif ukoll il-kompiti u organizzazzjoni interna tiegħu.

(10) Hu meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-ħatra ta' l-istaff ta' l-Uffiċċju u li jiġi assigurat li r-regoli u proċeduri li japplikaw għall-Uffiċċju huma l-istess bħal dawk li japplikaw għall-Kummissjoni.

(11) Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi, fir-rigward ta' l-Uffiċċju, il-poteri mogħtija mir-Regolamenti ta' l-Istaff dwar l-awtorità li taħtar u mill-Kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' imjegati oħra dwar l-awtorità awtorizzata biex tikkonkludi kuntratti.

(12) Prinċipji biex jirregolaw ir-responsabbiltajiet tad-Direttur ta' l-Uffiċċju, kemm fir-rigward ta' l-istaff ta' l-Uffiċċju kif ukoll fir-rigward l-attivitajiet tiegħu, għandhom jiġu stabbiliti.

(13) Id-Direttur ta' l-Uffiċċju għandu jiġi meħtieġ li jippreżenta lill-Kumitat ta' Ġestjoni l-għanijiet tiegħu, kif ukoll ir-rapporti regolari li jirriżultaw u r-rapport ta' kull sena dwar il-ġestjoni.

(14) Ħtiġijiet finanzjarji jeħtieġu li t-Titolu V tat-Tieni Parti tar-Regolament Finanzjarju japplika għall-Uffiċċju, skond il-prinċipju ġenerali li l-persuna responsabbli għan-negozjar ta' talbiet għal approprjazzjonijiet mal-baġit tad-Direttorat Ġenerali għandha tkun l-uffiċjal li jawtorizza b'delegazzjoni.

(15) Id-Direttorat Ġenerali ma' liema l-Uffiċċju hu assoċjat għandu jassisti lill-Kumitat ta' Ġestjoni, jkun responsabbli għall-manteniment ta' kuntatti regolari ma' l-uffiċċji kollha u jassigura li l-amministrazzjoni ta' l-uffiċċji differenti hi konsistenti. Dan ir-rwol hu partikolarment importanti għall-assigurazzjoni li l-fażi transitorja titmexxa bla xkiel,

([1]) ĠU L 308, 08.12.00, p. 26.
([2]) ĠU L 248, 16.09.02, p. 1.
([3]) SEC(1999) 2051, p. 7.
([4]) COM(2000) 200 finali.
([5]) SEC(2002) 618 finali.

(16) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2002 tikkostitwixxi Ittra Supplimentarja u li Temenda għall-abbozz preliminari tal-baġit għall-2003 u toħloq il-qafas tal-baġit għall-istabbiliment ta' l-Uffiċċju,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

KAPITOLU I

**STABBILIMENT, SKOP U KOMPITI, LOKALITÀ**

*Artikolu 1*

**L-istabbiliment ta' l-uffiċċju**

Uffiċċju għall-infrastruttura u l-loġistika fi Brussel, hawnhekk iżjed 'il quddiem "l-Uffiċċju", hu stabbilit.

Id-Direttorat Ġenerali ma' liema hu assoċjat l-Uffiċċju għandu jkun id-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni.

L-Uffiċċju għandu jaħdem mill-1 ta' Jannar 2003.

*Artikolu 2*

**Skop**

1. L-Uffiċċju għandu jassigura li l-attivitajiet kollha assoċjati ma' l-akkomodazzjoni ta' l-istaff, il-ġestjoni ta' l-infrastruttura tas-sigurtà soċjali u l-loġistika ta' l-istituzzjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3, huma mwettqin.

2. L-Uffiċċju għandu jaderixxi ma' l-iskop tiegħu skond ir-regoli amministrattivi fis-seħħ fil-Kummissjoni.

3. Waqt li taġixxi jew fuq l-inizjattiva tad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni jew fuq proposta mill-Uffiċċju fi ftehim ma' dak id-Direttorat Ġenerali, il-Kummissjoni għandha tadotta regoli ġodda jew, kif xieraq, l-emendi meħtieġa.

Il-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-Uffiċċju għandu jagħmel id-dettalji ta' dik il-proċedura b'mod konġunt mad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni.

4. L-Uffiċċju jista' jaġixxi fuq it-talba ta', u f'isem, korp ieħor jew aġenzija oħra stabbilit/a taħt jew fuq il-bażi tat-Trattati u bil-kunsens tal-Kumitat ta' Ġestjoni.

*Artikolu 3*

**Kompiti**

1. L-Uffiċċju għandu jkun responsabbli, partikolarment, fir-rigward tas-sit ta' Brussel, għal:

(a) l-amministrazzjoni ta' l-akkwist, il-kera u l-manteniment tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-Kummissjoni flimkien ma' l-inventarji assoċjati u kwistjonijiet relatati mal-VAT;

(b) l-organizzazzjoni ta' dak li għandu jitneħħa u l-ġestjoni ta' l-ispazju;

(ċ) l-amministrazzjoni:

(i) tas-servizzi tat-trasport għall-istaff u affarijiet għal skopijiet interni;

(ii) tal-posta dieħla u ħierġa u d-distribuzzjoni interna ta' dokumenti għad-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni;

(iii) tas-servizzi ta' riproduzzjoni;

(iv) tal-provisti ta' l-uffiċċju;

(d) l-implimentazzjoni ta' regoli relatati mas-sigurtà fiżika ta' bini, fuq il-bażi ta' l-istruzzjonijiet tad-Direttorat tas-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni, u partikolarment l-amministrazzjoni tal-"kuntratt tas-sigurtà" (*contrat gardiennage*);

(e) l-amministrazzjoni tal-faċilitajiet tas-sigurtà soċjali pprovduti għall-istaff ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji, bħal ristoranti, ħwienet ta' l-istaff u ċentri ta' l-isport;

(f) il-proviżjoni ta' servizzi lill-istituzzjonijiet li jkopru ċerti faċilitajiet tas-sigurtà soċjali bħal *crèches* u servizzi li jieħdu ħsieb it-tfal wara l-iskola;

(g) l-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġi assigurat il-ħarsien ta' ħtiġijet tas-saħħa u s-sigurtà f'bini tal-Kummissjoni.

2. L-Uffiċċju jista' jwettaq servizzi addizzjonali rimunerati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7(8).

*Artikolu 4*

**Post**

L-Uffiċċju għandu jkollu l-post tiegħu fi Brussel.

KAPITOLU II

**KUMITAT TA' ĠESTJONI**

*Artikolu 5*

**Termini ta' referenza**

Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jaġixxi taħt id-delega mill-Kummissjoni, u għandu jagħti kont lill-istess, fit-termini ta' referenza tiegħu u taħt l-awtorità tal-membru responsabbli għall-persunal u l-amministrazzjoni.

*Artikolu 6*

**Kompożizzjoni**

1. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jikkonsisti fi:

(a) is-Segretarju-Ġenerali tal-Kummissjoni;

(b) id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni;

(ċ) id-Direttur Ġenerali tad- Direttorat Ġenerali tal-Baġit;

(d) id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni;

(e) id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Impieg u l-Affarijiet Soċjali;

(f) żewġ rappreżentanti ta' l-istaff;

(g) rappreżentant ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji l-oħra.

2. Il-President tal-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jkun id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni.

3. Is-Segretarju-Ġenerali u kull Direttur Ġenerali jistgħu jinnominaw sostituti, bil-kondizzjoni li hu/hi huwa/hija uffiċjal tal-grad A 1 fl-istess servizz.

4. Iż-żewġ rappreżentanti ta' l-istaff għandhom jinħatru mill-Kumitat ta' l-Istaff. M'għandhomx jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-amministrazzjoni, organizzazzjoni jew ħidma ta' l-Uffiċċju, u għandhom ikunu intitolati li jivvutaw fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw l-infrastruttura tas-sigurtà soċjali. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal proċeduri eżistenti għal djalogu soċjali.

5. Ir-rappreżentant ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji l-oħra għandu jinħatar mill-Grupp ta' Kapijiet ta' l-Amministrazzjoni. Dan ir-rappreżentant jista' jivvota biss fuq kwistjonijiet amministrattivi b'mod inter-istituzzjonali.

6. Il-Kumitat ta' Ġestjoni jista' jistieden esperti biex jassistuh fit-twettiq tad-doveri tiegħu.

*Artikolu 7*

**Doveri**

1. Waqt li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur ta' l-Uffiċċju, hawnhekk iżjed 'il quddiem "id-Direttur", il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu japprova skond il-proċeduri eżistenti fil-Kummissjoni, l-istruttura ta' l-organizzazzjoni fl-Uffiċċju.

2. Waqt li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu japprova r-regoli li jirregolaw l-operazzjoni u l-organizzazzjoni ta' l-Uffiċċju u jista' jekk meħtieġ, jipproponi emendi għal dawk ir-regoli, partikolarment biex jassigura konsistenza fix-xogħol bejn l-uffiċċji amministrattivi li jirrappurtaw lid-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni.

3. Waqt li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jistabbilixxi linji gwida tal-politika għall-attivitajiet ta' l-Uffiċċju.

4. Qabel il-31 ta' Jannar kull sena, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jadotta il-programm ta' xogħol tad-Direttur. Il-programm ta' xogħol għandu jinkludi, partikolarment, il-qafas finanzjarju, il-kopertura ta' rapporti regolari u riżultati antiċipati (ibbażati fuq għanijiet operazzjonali u indikaturi tal-prestazzjoni). Il-Kumitat ta' Ġestjoni jista' jagħmel aġġustamenti lid-dettalji tal-programm tax-xogħol.

5. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu japprova l-istimi tad-dħul u l-infiq ta' l-Uffiċċju u kwalunkwe aġġustamenti meħtieġa lill-pjan ta' l-istabbiliment.

6. Fl-ewwel kwart ta' kull sena l-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jagħmel u jibgħat lill-Kulleġġ tal-Kummissjoni opinjoni dwar l-attivitajiet kollha u dwar l-amministrazzjoni ta' l-uffiċċju, fuq il-bażi tar-rapporti ppreżentati mid-Direttur skond l-Artikolu 13.

7. Fir-rigward tal-proċeduri għall-ħatra ta' *managers* anzjani u *managers* tan-nofs, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jaġixxi skond l-Artikolu 14.

8. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu japprova t-tip ta' servizzi addizzjonali rrimunerati li l-Uffiċċju jista' jwettaq skond l-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 3(2) u t-termini u l-kondizzjonijiet skond liema jista' jwettaqhom. Waqt li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jiddetermina t-tip ta', u r-rati li għandhom jitħallsu, għas-servizzi li l-Uffiċċju jista' jwettaq għall-istituzzjonijiet, u l-allokazzjoni tad-dħul hekk miksub fil-baġit ta' l-Uffiċċju.

9. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jiddeċiedi fuq kwalunkwe kwistjoni ta' prinċipju li jaffettwa l-ħidma ta' l-Uffiċċju li m'hemmx provviżjoni espressa għaliha f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 8*

**Organizzazzjoni interna**

Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu. Dawn ir-regoli għandhom, partikolarment, ikopru s-suġġetti li ġejjin:

(a) il-laqgħat: il-frekwenza u l-proċedura għas-sejħa u l-organizzazzjoni ta' laqgħat;

(b) is-segretarjat ir-rwol tiegħu u l-konnessjoni ta' l-organizzazzjoni;

(ċ) ir-regoli biex jintbagħtu d-dokumenti.

*Artikolu 9*

**Votazzjoni**

Meta l-Kumitat ta' Ġestjoni jieħu deċiżjoni, kull membru intitolat li jivvota għandu jkollu vot wieħed. Fejn il-voti huma indaqs, il-President għandu jkollu vot deċiżiv.

Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi.

KAPITOLU III

## ID-DIRETTUR

*Artikolu 10*

### Ħatra

1. L-Uffiċċju għandu jiġi amministrat minn Direttur (grad A 1 jew A 2) maħtur mill-Kummissjoni wara li l-Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Ħatriet (ACA) tkun ħarġet opinjoni favorevoli skond l-Artikolu 14(1).

2. Id-Direttur għandu jinħatar għal perjodu ta' tlett snin, li jistgħu jiġu estiżi għal perjodu itwal ta' mhux iżjed minn sentejn.

3. Il-Kulleġġ tal-Kummissjoni jista' jiddeċiedi, wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni, li jneħħi d-Direttur u jaħtar Direttur *ad interim*.

*Artikolu 11*

### Poteri

Id-Direttur għandu jkun l-awtorità li taħtar għall-Uffiċċju u l-awtorità awtorizzata biex tikkonkludi kuntratti, skond ir-regoli fis-seħħ fil-Kummissjoni, fil-limiti tal-poteri mogħtija lilu jew lilha mill-Kummissjoni.

*Artikolu 12*

### Doveri

1. Qabel il-31 ta' Diċembru ta' kull sena, id-Direttur għandu jippreżenta l-Kumitat ta' Ġestjoni bil-programm tax-xogħol tiegħu jew tagħha għas-sena li jmiss, il-kontenut ta' liema għandu jiġi approvat mill-Kumitat.

2. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għat-tmexxija bla xkiel ta' l-Uffiċċju. Fil-qasam tar-responsabbiltà definit mill-Kulleġġ tal-Kummissjoni, hu jew hi għandu jew għandha taġixxi taħt l-awtorità tal-Kulleġġ. Id-Direttur għandu jassigura wkoll il-ħidma konsistenti taċ-ċenrti differenti ta' l-Uffiċċju. Id-Direttur għandu jirrapporta lill-Kumitat ta' Ġestjoni dwar l-eżekuzzjoni tad-doveri tiegħu jew tagħha u għandu/għandha tagħtih is-suġġerimenti kollha u ta' kwalunkwe tip għat-tmexxija bla xkiel ta' l-Uffiċċju.

3. Id-Direttur għandu jagħti l-proposti tiegħu jew tagħha lill-Kumitat ta' Ġestjoni skond l-Artikolu 7(1), (2), (3) u (8).

4. Id-Direttur għandu jinforma l-Kumitat ta' Ġestjoni bil-ħatriet taħt l-Artikolu 14(3).

*Artikolu 13*

### Rappurtaġġ

Id-Direttur għandu jippresenta lill-Kumitat ta' Ġestjoni:

1. rapport operazzjonali regolari, l-istruttura u l-frekwenza ta' liema għandha tiġi determinata mill-Kumitat ta' Ġestjoni;
2. rapport ta' kull sena dwar il-ġestjoni fl-ewwel kwart ta' kull sena wara s-sena taħt reviżjoni, l-istruttura ta' liema għandha tiġi determinata mill-Kumitat ta' Ġestjoni.

KAPITOLU IV

## L-ISTAFF TA' L-UFFIĊĊJU

*Artikolu 14*

### *Managers* anzjani u tan-nofs

1. Waqt li taġixxi fuq proposta mill-Kumitat ta' Ġestjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel avviż tal-post vakant għall-kariga ta' Direttur ta' l-Uffiċċju. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jagħti opinjoni għall-Kummissjoni dwar l-applikanti li ntagħżlu mill-ACA.

2. Qabel ma' l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni finali tagħha, il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu joħroġ opinjoni dwar l-applikanti li ntagħżlu mill-ACA skond il-proċeduri applikabbli fil-Kummissjoni għal postijiet ta' *managers* anzjani (grad A 2) u tan-nofs (grad A 3).

3. Il-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jiġi infurmat mid-Direttur bil-ħatriet għal postijiet ta' *managers* oħra tan-nofs (gradi A 4 and A 5), li għandhom isiru skond ir-regoli u proċeduri fis-seħħ fil-Kummissjoni.

*Artikolu 15*

### L-Istaff

1. Il-proċeduri u prattiċi amministarttivi kollha relatati mal-*management* ta' l-istaff għandhom jitwettqu bl-istess termini u kondizzjonijiet ta' dawk għall-uffiċjali u impjegati oħra tal-Kummissjoni.

2. Skond l-Artikolu 4 tar-Regolamenti ta' l-Istaff, postijiet vakanti fl-Uffiċċju għandhom jiġu notifikati lill-istaff ta' l-istituzzjonijiet meta l-awtorità li taħtar tiddeċiedi li post għandu jimtela'.

3. Skond l-Artikolu 90 tar-Regolamenti ta' l-Istaff, talbiet u ilmenti relatati ma' l-eżerċiżju tal-poteri mogħtija lid-Direttur taħt l-Artikolu 11 ta' din id-Deċiżjoni għandhom isiru lid-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni. Kwalunkwe appell f'dawn l-oqsma għandu jsir kontra l-Kummissjoni.

KAPITOLU V

**DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI**

*Artikolu 16*

**Kwistjonijiet finanzjarji**

1. It-Titolu V tat-Tieni Parti tar-Regolament Finanzjarju għandha tapplika.

2. Waqt li taġixxi fuq proposta mill-Kumitat ta' Ġestjoni, il-Kummissjoni għandha, fir-rigward ta' l-approprjazzjonijiet tal-baġit li għandom jiġu esegwiti mill-Uffiċċju bħala parti mill-kompiti u xogħol tiegħu, tiddelega l-poteri ta' l-uffiċjal li jawtorizza lid-Direttur u tistabbilixxi l-limiti u l-kondizzjonijiet li japplikaw għal dik id-delega ta' poteri.

IL-KAPITOLU VI

**KORDINAZZJONI U REVIŻJONI**

*Artikolu 17*

**Kordinazzjoni**

1. L-unità tal-kordinazzjoni stabbilita fid-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni għandha jkollha l-kompiti li ġejjin:

(a) li tassisti lill-Kumitat ta' Ġestjoni fil-preparazzjoni u s-sussegwiment tal-laqgħat tiegħu u li tassisti l-president tal-Kumitat fil-kontroll regolari ta' relazzjonijiet mad-Direttur;

(b) li tassisti lid-Direttur biex jaderixxi mad-doveri tiegħu jew tagħha, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi u prerogattivi ta' dan ta' l-aħħar, partikolarment f'relazzjonijiet mad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni;

(ċ) li tassigura l-konsistenza operazzjonali ta' l-Uffiċċju fir-rigward ta' l-Uffiċċji amministrattivi l-oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u l-Amministrazzjoni u mal-bqija tal-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward ta' l-organizzazzjoni ta' l-istaff u l-politka tagħhom;

(d) li tassigura li r-regoli u prattiċi fis-seħħ fil-Kummissjoni fil-qasam tal-politika ta' l-istaff huma applikati b'mod konsistenti u uniformi fl-Uffiċċju.

2. Bħala parti mill-kompiti tagħha, l-unità tal-kordinazzjoni għandha tirrapporta lill-Kumitat ta' Ġestjoni fuq it-talba ta' dan ta' l-aħħar.

*Artikolu 18*

**Reviżjoni**

Il-President tal-Kumitat ta' Ġestjoni għandu jipprovdi lill-Kulleġġ tal-Kummissjoni, taħt l-awtorità tal-membru responsabbli għall-persunal u l-amministrazzjoni, mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem tat-tielet sena sħiħa ta' xogħol ta' l-Uffiċċju, b'analiżi komprensiva tax-xogħol ta' l-Uffiċċju matul dak il-perjodu. Din l-analiżi tista' tinkludi proposti għal emendamenti għal din id-Deċiżjoni fejn xieraq.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Novembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

Neil KINNOCK

*Viċi-President*